**Arah jiddeffes**

Ħallih lil ħuk qed jifraħ
Għaliex taqsamlu qalbu?
Jaqaw l-għira spuntatlek?
Ma ħallitekx tal-galbu?

Ifraħ bih li qed jaqsam
Il-ferħ tiegħu mal-oħrajn?
Għaliex tħammarlu wiċċu?
Kliemek lanez, kollu tajn?

U kemm taħseb se titwal
Din l-istorja kollha mrar?
Taħseb int li l-ħaqq divin
M'huwiex iħeġġeġ bħax-xrar?

Tinsix ħija, ħa nfakkrek
Għajtet l-imweġġa' kbira,
Mit-tron t'Alla tinstema'
Minnha mhux se jirtira.

Għalhekk il-Mulej jgħidlek
U jċanfrek żgur, kif imiss,
Għax int lil ħuk issallbu
Bħalma sallbu l-Kurċifiss.

Għalhekk iftaħlu qalbek
Lil ħuk, tirredikolaħx,
Ġurnata għad tikaxkar
'Ssir ċaruta, ma tiflaħx.

Iż-żmien għad igergiblek
Fin fin, bla ma jitniffes,
Ħobbu lil ħuk u farrġu:
Tferiħx: "Arah jiddeffes!"

Patri Mario Attard OFM Cap
11 ta' April 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.